MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2003

Numru. 459/2003

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)
vs
Albert Camenzuli

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Albert Camenzuli, detentur tal-karta tal-identita Nru 568479(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-23 ta' Mejju, 2003 u l-granet ta' qabel f'hinijiet differenti, gewwa San Gwann, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn

obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dak l-att jew skrittura wara li kienet giet iffirmata, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dak l-att jew skrittura kellu jkollu fihom jew kellhom jippruvaw, ghad-dannu ta' James L. Hawkins u persuni ohra u dan bi ksur ta' Artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. xjentament ghamel uzu minn att, kitba, jew skrittura falza ghad-dannu ta' James L Hawkins u persuni ohra, u dan bi ksur ta' Artikolu 184 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat ghad-dannu ta' James L Hawkins u persuni ohra, u dan bi ksur ta' Artikolu 184 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn LM100, izda inqas minn LM500 u dan ghad-dannu ta' James L. Hawkins, El Sayess, u persuni ohra, u dan bi ksur ta' Artikoli 41, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5 Xjentament laqa ghandu, jew kellu hwejjeg misruq, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u dan bi ksur ta' Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat, debitament assistit, volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u dana waqt is-seduta tat-3 ta' Settembru, 2003 meta kienu qed isirulu l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali;

Taqta’ u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu issibu hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet u dana wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 183, 184, 41, 308, 309, 310 u 334 tal-Kap. 9. Il-Qorti ikkunsidrat ghall-finijiet ta’ piena l-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta, il-fatt illi irregistra ammissjoni bikrija u b’hekk evita illi issir il-kumpilazzjoni, il-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija matul l-investigazzjoni kif ukoll il-fatt illi effettivament hadd ma sofra l-ebda danni tort ta’ dan l-incident. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat iddikjara illi qatt aktar mhu ser jerga jirrepeti incident simili. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll ix-xiehda ta’ l-Ufficjal Prosekutur fis-sens illi minn meta ikkommetta r-reat in kwistjoni sal-lum l-imputat fuq imsemmi zamm kuntatt mal-Ufficjal Prosekutur u sab xoghol regolari u jidher illi jinsab miexi fit-triq it-tajba. Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut u li jkun ferm aktar ta’ beneficcju kemm ghall-imputat fuq imsemmi, kif ukoll ghas-socjeta’ in generali jekk l-imputat jinghata l-ahhar opportunita sabiex ikompli miexi fit-triq it-tajba illi jidher illi qabad. Ghalhekk, wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446, filwaqt illi tilliberah, tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spejgat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------